No Appeal 27/10/20

Dr Angele Vella
B.A.Legal&Inter.Rel.,LL.D.,Adv.Trib.Eccl.Melit.,Mag.Jur.EULaw
Office of the Attorney General

IL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum it-8 t'Ottubru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Walid Ben Muftah**
**(117659A)**

RECEIVED
-9 OCT 2020
ATTORNEY GENERAL OFFICE

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra **Walid Ben Muftah** ta' 28 sena, iben Faraj u Fatima nee' Qukquk mwieled Tripoli nhar is-17 ta' Awissu 1991 u residenti gewwa indirizz mhux maghruf u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 117659A.

U nakkuzah talli nhar it-8 ta' Marzu 2019 bejn l-erbgha u l-hamsa ta' wara nofsinhar (16:00hrs-17:00hrs) gewwa l-'Bus Terminus', Floriana u f'dawn il-Gzejjer:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car permezz ta' xi arma regulari jew irregulari, strument li jaqta' jew iniggez jew ghodda ohra, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rammi Rajab Ali Ratima, jew gibtlu disordni f'mohhu w li liema hsara kkagunatlu debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, jew gabitlu sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz u dan skond ma iccertifikat Dr. Agnes Portelli M.D. (Reg. Med. 2863) minn gewwa

l-Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikoli 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4) U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kont f'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, fi stat ta' sakra b'mod li ma kontx tista tiehu hsieb tieghek innifsek u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll huwa gie akkuzat talli nhar it-8 ta' Marzu 2019 u fil-jiem ta' qabel din id-data gewwa dawn il-Gzejjer;

5) Ikkommetteta serq ta' hwejjeg tal-marka 'Pull & Bear' ghad-detriment ta' Nick Spiteri Paris u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq huwa wiehed semplici u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba tqis lil Walid Ben Muftah bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' Rami Rajab Ali Ratima bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta et sequitur.

Il-Qorti giet gentilment ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jekk ikun il-kaz skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda ta' l-Ufficjal Prosekutur, l-iSpettur Daryl Borg u lil Dr. Agnes Portelli fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2019.

Semghet ix-xhieda ta' PC28 Damien McKay u WPC250 Amanda Parascandolo fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2019.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Frar 2020, l-imputat irregistra ammisjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat**

Illi rigward ir-recidivita' ta' l-imputat ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ngaghbet l-ebda prova mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk l-imputat ma' jistax jinstab hati tar-recidiva.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7, 217, 218, 284, 334, 338(m) u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 3, 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, **qed issib lil imputat Walid Ben Muftah hati** ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, u tikundannah ghal **hames (5) snin prigunerija effettiva** kif ukoll ghall-hlas **ta' multa ghas-somma ta' mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47).**

Illi in oltre, ai termini ta' l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tordna il-konfiska tal-*corpus delicti*, u cioe' l-armi pprojbiti u dan skond ir-ricevuta mmarkata APP1 *a fol.* 32 ta' l-atti processwali.

Illi rigward it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex taghti garanzija fil-konfront tal-parte civile ai termini tal-Artikoli 383, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata stante is-sejba ta' htija fil-konfront tal-imputat u ghalhekk qeda torbot lil hati **Walid Ben Muftah** b'garanzija personali ta' **elf u hames mitt Euro (€1,500) ghal zmien sena, minn meta il-piena moghtija tkun giet skuntata,** u dan billi ma jimmolestax, ma jdejjaqx u ma jingurjax lil parte civile **Rami Rajab Ali Ratima.**

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-**Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** il-Qorti tinnota illi fil-kawza odjerna ma nhatar l-ebda espert, u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat

9/10/2020

Kump/Prel. Investigation No 141/2019

QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
*COURT OF MAGISTRATES (MALTA)*

**Garanzija Personali maghmula mill-persuna Imputata/Akkuzata**
*Recognizance entered into by the Person Charged/Accused*

**JIENA, hawn taht iffirmat, ghal dak kollu li jghid u jrid l-artikolu 579 tal-Kodici**
*I, the undersigned, for all intents and purposes of Section 579 of the Criminal Code*

**Kriminali u d-digriet ta' din il-Qorti ta'** 08 t' Ottubru 2020
*and the decree of this Court dated*

**nobbliga ruhi li jekk nikser wahda jew aktar minn wahda mill-obbligazzjonijiet imsemmija**
*bind myself that if I fail to honour one or more than one of the obligations mentioned in the said*

**fl-imsemmi digriet u/jew fl-artikolu fuq citat, inhallas lill-Gvern ta' Malta s-somma ta':**
*decree and/or the above-mentioned section, to pay the Government of Malta the sum of:*

€1500 (elf u hames mitt ewro)

**u ghal dan naghmel tajjeb bil-garanzija ta'** personali
*and for this purpose I produce as surety*

**Illum,** 08 t'Ottubru 2020
*Today,*

[signature]

**Firma tal-persuna Imputata/Akkuzata**
*Signature of Person Charged/Accused*

117659 A

**Nru. tal-Karta ta' l-Identita'/Passaport**
*I.D. Card Number/Passport*

**Moghtija u ffirmata quddiemi**
*Given and signed before me*

[signature]

Maġistrat
Dr Astrid May Grima
B.A., LL.D, Adv. Trib. Eccles. Melit.

**D./Registratur**
*D./Registrar*

**Magistrat**
*Magistrate*

*KRIM/02/11*

Kumpilazzjoni Nru. 141/2019.

Referenza Nru.: ...............................

# *DOKUMENT BIEX PERSUNA TINZAMM IL-HABS*

Lid-Direttur tal-Habs:

Il-Persuna hawn taht imsemmija huja mibghuta biex tinzamm il-habs:-

**Isem:** Walid Ben Muftah **Eta:** 28.

**I.D./Passaport Nru:** 117659A.

**L-ahhar Indirizz maghruf:** Bla Indirizz

**Partikolaritajiet ohra sufficjenti biex jistabbilixxu l-identita' tal-persuna mdahhla:-**

..........................................................................................................

==========================================================================

***DAN IT-TIZMIM FIL-HABS QIEGHED ISIR BIS-SAHHA TA' ORDNI TAL-QORTI:-***

**Isem tal-Qorti:** tal-Maġistrati (Malta).

**Isem l-Imhallef/Magistrat presidenti:** Dr Astrid May Grima.

**Data tas-sentenza jew Ordni ohra tal-Qorti:** 08/10/2020.

**Dettalji tal-kundanna jew raguni ohra ghat-tizmim fil-habs:** 5 (ħames) snin priġunerija effettiva

**Tul tas-sentenza jew mizura ohra li tnaqqas il-liberta' personali:** ..............................

..........................................................................................................

Illum: 08/10/2020.

..........................................
**Registratur**
(jew ufficjal awtorizzat iehor)

Marie Beth Cutajar
Dep Reg